

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 235/2013****tat-13 ta' Diċembru 2013****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 657/2013 tal-10 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1079/2012 li jstabbilixxi rekwiżiti ta' spazjar bejn il-kanali ta' komunikazzjoni vokali għall-Ajru Uniku Ewropew ⁽¹⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied mal-punt 66we (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2012) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat minn:

- **32013 R 0657**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 657/2013 tal-10 ta' Lulju 2013 (ĠU L 190, 11.7.2013, p. 37).”

Artikolu 2

It-testi bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 657/2013, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2013, dejjem jekk ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE ^(*), jew inkella fit-13 ta' Diċembru 2013 ⁽²⁾, dak inhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 233/2013, skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

⁽¹⁾ ĠU L 190, 11.7.2013, p. 37.

^(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma ġew indikati.

⁽²⁾ Ara paġna 36 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.